# Opri artistiċi fil-knisja li saru fl-imgħoddi

minn Lorenzo Zahra

MINN tagħrif fil-gurnali ta' l-imgħoddi wieħed isir jaf dwar diversi opri sbieħ li għadna naraw sal-lum fil-Knisja tagħna, jew li kellna u tlifna fil-gwerra. Meta wieħed jara b'liema ħerqa missirijietna kienu jaħdmu biex iżejnu t-tempju Lawrenzjan, għandu jitqanqal biex anke aħna noffru dejjem il-kontribut bl-istess għan, għax il-Knisja għalina hija wkoll Mużew ta' opri li juru t-talent taċ-ċittadini Maltin.

Fil-gurnal *Stenterello* tas-sena 1846 insibu tagħrif meta kien gie mżanżan l-apparat sabiħ li għadu jintuża sal-lum. Apparat aħmar komplut għal użu pontifikali. Għalhekk ngħidu li fih għadd ta' kapep, tuniċelli u ħtigiet oħra ta' lbies li l-Kapitolu kien juża dak iż-żmien billi huwa kien jiffunzjona bħall-isqfijiet. Dan huwa apparat ta' l-imbrokk u għalhekk għandu pregju kbir, u huwa mżejjen b'ħajt taddeheb xogħol bl-idejn u llum huwa xogħol tassew rikk.[1]

*L'Amico del Popolo* ta' Awissu 1880 jsemmi li fil-Knisja tagħna kienu mżanżna sett linef tal-Kristall li kienu jintużaw sa qabel il-gwerra fis-sekondi festi. Dawn intilfu fil-gwerra meta ggarrfet is-Sagristija. F'dik is-sena wkoll kienu saru ż-żewg faċċati ta' l-injam bl-artali ż-żgħar, wieħed dak ta' Santa Marija fil-kappellun tal-Kunċizzjoni, u ieħor fil-kappellun tal-Karità dedikat lis-Santissima Trinità b'San Kosma u Damjan fih. F'dik l-istess sena kienu saru wkoll iż-żewg niċeċ żgħar, waħda għal San Lawrenz li fiha llum naraw l-istatwa tal-Kunċizzjoni, u l-oħra dik li fiha hemm Santa Katerina. Dawn iż-żewg faċċati ta' l-injam bl-iskultura fihom kienu ħallsu l-ispiża tagħhom il-Piloti li aktarx kienu lkoll mill-Birgu. Ta' min igħid ukoll li fl-istess sena 1880 fil-pjazza kien gie inawgurat il-Monument ta' San Lawrenz maħdum minn Busuttil tar-Rabat fuq id-disinn tal-Perit Ingliż Paulson. Kienu ħallsu għal dan il-monument il-Kanoniku Patiniott, il-Kan. Marmarà u l-Kan. Ciantar.

Sentejn wara, cioè fl-1882, kienet saret il-qanpiena l-kbira li ħadem Ġulju Cauchi ta' Bormla fil-funderija li kellu f'Għajn Dwieli. Dan jibqa' msemmi għal qniepen tassew sbieħ li għamel u li juru t-talent ta' niesna. *L'Amico del Popolo* kif ukoll il-gurnal l-ieħor *Il-Malta* jsemmu li f'dik is-sena kienu gew inawgurati wkoll il-



Gallerija ta' l-Orgni, opra tassew grandjuża ta' Vincenzo Seracino li fortunatament għadna ngawdu sa llum. L-orgni qadim kien ġie addattat ma' din l-opra, imma dan fl-1952 tneħħa u ntrema biex minfloku sar orgni ġdid tad-ditta Tamburini maħdum fi Crema l-Italja, opra sabiħa tassew li ikkontribwixxa għaliha l-Kan Dun Ġan Mari Farrugia u l-Familja Bosco.



*L-Apoteosi* ta' San Lawrenz *in Gloria* li l-aħħar li ġiet restawrata kien sentejn ilu mill-pittur Briffa.

**Iċ-ċentinarju tal-Parroċċa**

Billi kien riesaq iċ-ċentinarju tal-Parroċċa, fis-sena 1884, il-ġurnal *Il-Malta* jsemmi li kien hemm kumitat apposta biex dan jara kif tiġi mżejna l-knisja. Dan il-Kumitat kien kompost mill-Arċipriet Xuereb, Kan Lawrenz Camilleri, Kan Ġużepp Ciantar, u Kan Ġwann Soler. Ma' dawn kien hemm ukoll is-sinjuri Ġużè Fleri, Ġann Battista Borg, Vincenzo Serracino, Giuseppi Darmanin u Giuseppi Segona, missier il-Kan Segona. Jidher li dawn ma damux ma middew għonqhom għall-ħidma, infatti bdew xogħol ta' dekorazzjoni tal-gwarniċun b'disinn ta' Alfonso Pace u x-xogħol sar mill-istess G.B. Borg u Gius. Segona li ħadmu bla ħlas. L-armar għal dan ix-xogħol sar ukoll bla ħlas min-neguzjant Vella. Fis-sena 1886, is-sorijiet ta' Santa Katerina tal-Belt kienu ħadmu erba' bukketti ta' fjuri artifiċjali sbieħ tassew li tqiegħdu mal-vara ta' San Lawrenz. Dawn l-erba' fjuretti għadhom jintramaw fl-artal tal-kor u tul is-sena jinżammu fil-Mużew tal-Kolleġġjata. Huma fjuri tal-granutell, xogħol ta' l-idejn tassew sabiħ.

Fil-ġurnal *Il-Malta* tas-16 ta' Awissu 1890, is-sena taċ-Ċentinarju, jissemma li saru żewġ trieħi ħomor tal-bellus bir-rakkmu tad-deheb. Tgħid ukoll li kienu ġew indurati l-kapitelli tal-kursija bid-deheb u l-pittur Ġużè Cali kien għamel żewġ kwadri ovali ta' Sant'Andrija u San Pawl li tqiegħdu fil-Kappella tal-Kurċifiss li llum naraw mibdula f'relievi ta' rħam li saru fl-1938.[2] Kien ukoll fis-sena 1890 li saret il-kolonna tal-Papa Urbanu iżda din sfat meqruda fil-gwerra u minflokha, wara l-gwerra saret replika mill-ġdid. F'*Il-Malta* (18/8/1894) insibu li saru żewġ missalli tal-fidda, wieħed mill-Familja Pullicino u l-ieħor sar mill-ġbir. Il-Gradilja tal-fidda u l-Palma li għandu f'idejh San Lawrenz kienet inħadmet minn Feliċ Muscat fl-1887 u ngħatat mill-Kan Dun Lawrenz Camilleri.

*Il-Malta* tat-3/8/1896 turina li kienet saret il-pittura tal-koppla minn Cortis. Din sfat meqruda fil-Gwerra meta ġġarrfet il-koppla. L-idea li ssir il-ġrajja ta' l-Assedju kif saret kienet tal-Kanonku Dalli. Fir-*Risorgimento* tat-22/7/1898 insiru nafu li l-pittur

Ġużè Calì kien pitter is-saqaf tal-Kor - *L'Apoteosi* ta' San Lawrenz *in Gloria* - opra li fil-gwerra sfat imħassra u għal darba tnejn ġiet restawrata, l-ewwel mill-Kav. Rafel Bonnici Calì u mbagħad fl-1990 mill-pittur Briffa.[3,4]

**Il-linef tal-kursija**

Is-sett linef tal-Bohemja, skond il-ġurnal *Malta*, saru fis-sena 1896 u nġiebu mid-ditta M. Dob ta' Goblanz fil-Bohemja. Dawn kienu sitta żgħar. Magħhom kien hemm ukoll sett brazzi fil-korsija b'važun ta' fjuri f'nofshom. Il-fjuri allura kienu saru mis-Sinjorini aħwa Borg Montano li kienu neputijiet ta' Dun Salv Caruana, qassis li ħadem wisq għat-tiżjin tal-knisja. Il-bukketti kienu ta' granutell, iżda meta ġgarrfet is-sagristija l-linef b'kollox saru ħerba waħda.

Fl-1896 kienu saru erba' anġli sbieħ jittajru li tqiegħdu mal-Monument ta' San Lawrenz fil-pjazza. Dawn kienu saru bil-kolonni b'kollox fuq disinn ta' Abram Gatt ta' Bormla, però minn ftit snin 'l hawn dawn saru ġodda, xogħol ta' Camilleri Cauchi u huma xejn anqas sbieħ.

Iż-żewġ linef kbar li kienu jintramaw fil-kappelluni maġġuri kienu saru fl-1897. Kienu tassew ta' ġmiel u ta' l-istess ditta ta' Goblanz. Kellhom 36 brazz fid-dawra t'isfel iżda dawn spiċċaw fil-gwerra. Fl-istess sena kienu saru wkoll sitt arkati bl-ornati kbar f'nofshom. Dawn kienu saru għall-pavaljuni tal-kursija, però l-ornati li kienu tant sbieħ tneħħew meta sar l-irħam mal-pilastri fl-1912. Fl-1897 kienu saru wkoll il-loppi bl-anġli mal-linef, xogħol sabiħ ta' Karlu Darmanin fuq disinn ta' Abram Gatt ta' Bormla. L-ispiża kienet inġabret minn Dun Salv Caruana. Dawn ukoll sfaw meqruda, imma nġabru mill-ġdid mis-Sur L. Privitelli u saru minn Camilleri Cauchi.

Fis-sena 1897 Cortis kien temm ix-xogħol tal-pittura fis-saqaf tal-knisja, dawk tal-kursija. Fil-pjazza allura fl-istess sena saru l-istatwi tal-qaddisin fuq kolonni apposta. Dawn kienu xogħol ta' Karlu Darmanin u ta' Cremona. Statwi sbieħ li wħud minnhom baqgħu sħaħ u għadhom jintramaw fil-pjazza. Anke l-Ark tal-pjazza kien sar fl-istess sena 1897, xogħol fuq disinn ukoll ta' Abram Gatt u l-ġbir kien sar minn Dun Salv Caruana. L-Ark ukoll inqerdet fil-gwerra.



L-altar maġġur armat għall-Festa.

Fis-sena 1897 kien sar fil-Knisja l-artal Maġġur ta' rħam fin u sabiħ ħafna, xogħol tad-ditta Francesco Buhagiar tal-Ħamrun. Sar b'ħidma tad-Dekan Pace u l-Kan Dun Lawrenz Calleja. Id-disinn kien ta' Fonzu Pace, ħu d-Dekan, imma kienet l-idea ta' Abram Gatt li fil-panewijiet isiru r-relievi tal-fidda li nġiebu minn barra mid-ditta Evaristo Castaldi.

**Opri sbieħ**

Fis-sena 1903 kienu saru l-opri sbieħ tal-bradella u l-pedestall li l-ġbir għalihom ħa ħsiebu l-Kan Dun Ġan Mari Farrugia. Id-disinn huwa ta' Fonzu Pace u x-xogħol ta' Lorenzo



**Il-pulptu li nħadem fl-1894 fuq disinn tal-perit Soler**

Ruffini, Franġisk Azzopardi, Ġużè Costantino u Ġużè Zammit, ilkoll l-aqwa nies tas-snajja' ta' dak iż-żmien. Dawn l-opri wkoll kienu tfarrku fil-gwerra, imma wara ġew restawrati, il-bradella minn Wenzu Zammitellu, u l-pedistall mis-Sur Pace Feroud.

Kien ukoll fis-sena 1903 (*Il-Malta* 14-15 ta' Awissu 1903) li fuq l-artal sar il-pedistall tal-fidda għall-ostensorju li jiżen 80 ratal fidda. Sar ukoll fuq disinn ta' Abram Gatt u importat mid-ditta Castaldi. Anke dan il-pedistall kien ġarrab ħsarat, u nistgħu ngħidu li b'miraklu baqa' mdendel fil-għoli meta ġġarrfet is-sagristija billi kien jinżamm f'kaxxa tal-ħġieġ fl-Awla. Wara l-gwerra kien ukoll ġie restawrat u fil-jiem tal-festa jżejjen l-artal maġġur u fuqu jitqiegħed l-ostensorju tant rikk u tant sabiħ.

Dawn l-opri dari kienu jsiru b'għaqal kbir, b'attenzjoni u b'arti għax il-Birgu kellu nies iħobbu l-opri sbieħ u ta' preġju.

Wieħed jinnota kemm intilfu opri fil-gwerra għax nistgħu ngħidu li l-knisja ta' San Lawrenz kienet l-ewwel waħda f'Malta li ntlaqtet bil-bombi u għalhekk ma kienx hemm ċans li l-opri tagħha jkunu meħuda f'imkejjen aktar 'il bogħod mill-Port il-Kbir li kien ċentru militari għal bumbardamenti mill-għadu fil-gwerra.

## NOTI

1. Fl-1874 sar it-tużell, xogħol ta' G.B. Zarb u li kien ġabar għalih il-Kanonku Dalli. Dan safa meqrud fil-gwerra u minnu baqa' biss il-loppa li għadha tintrama fit-tużell ta' kuljum li kien ħadem Karmelo Zahra. Naturalment it-tużell li naraw fil-festa llum huwa dak mixtri mill-Bażilika ta' San Ġorġ t'Għawdex b'ħidma tal-Knisja, ta' Wenzu Grech u Gius. Gellel.

2. Fl-1890 kien sar il-paviment tal-knisja mill-marmista G. Darmanin. Dan ġarrab ħsarat li wkoll wara l-gwerra ġie rranġat mid-ditta Bonavia. Hawn tajjeb ngħidu li l-paviment tal-presbiterju li kien sar wisq snin qabel b'disinn ta' mużajk u b'lapidi sbieħ ta' persuni distinti, safa meqrud għal kollox meta waqgħet il-koppla fil-gwerra.

3. Fl-1894 kien sar il-Pulptu li ħadmu fih Vincenzo Vassallo (ta' Kristina), Francesco Ellul, Giuseppi Pace, Ġanni Gonzi, Gius. Torpiano, u d-disinn kien tal-Perit Soler. Il-Pulptu b'xorti tajba baqa' sħiħ, iżda kien naqas minnu l-kurċifiss rikk u artistiku ta' l-avorju. Wara l-gwerra l-Kan Dun Lawrenz Micallef ġab iżda Kurċifiss sabiħ tal-bronż minn Milan.

4. Fl-1898 kienet saret l-istatwa ta' San Lawrenz jagħti d-dawl lill-għomja, xogħol tassew sabiħ tas-Surmast Cremon. Hawn irridu nżidu ngħidu li l-Awla Kapitolari fuq is-Sagristija kienet inbniet fis-sena 1876, iżda wkoll iġġarrfet fil-gwerra u għalhekk ġiet mibnija dik li hemm, wara l-gwerra. ■